# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 39/KA1/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 26/03/'14** **39**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 26/03/'14** **49**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 21/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 26 ta' Marzu 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati:- Il-Membru Micheal La Rosa

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta' Membru
4. Permessi ta' Twaqqif ta' Posta jew Kiosk
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 38/KA1/13 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P111 | Email mingħand Linda Navarro dwar talba għal *'U' shape barrier* fi Triq Ross. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P111

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand Linda Navarro dwar talba għal *U shape barrier* fi Triq Ross. Il-Kumitat ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ l-permess għal din it-talba dment li dan jinħareġ skont il-*Bye Laws* (52/2/2006).

**3. Aġġornament - *Co-option* ta' Membru**

3.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

**4 Permessi ta' twaqqif ta' Posta jew Kiosk**

4.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ġie nfurmat bit-talbiet li saru għat-twaqqif ta' Posta jew Kiosk fi Triq Dragunara ħdejn l-iSky Club (Ara Inc. P82/14, KA0018/NA/14 – CCF, P75/14, P76/14 – Ara Appendiċi 'A').

4.02 Saret riferenza ukoll għall-parir legali li ngħata l-Kunsill (Ara Appendiċi 'B').

4.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

a) Lis-Sur Philip Attard jinħariġlu l-permess mill-5 sas 7 t'April 2014, l-20 t'April 2014 u s-27 t'April 2014 skont il-Leġislatura Sussidjarja 441,04 dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u s-Sanita', u li l-post jitħalla nadif wara l-attivita'.

b) Fir-rigward tat-talba tas-Sur Alexander Camilleri f'isem is-Sinjura Susan Saliba, il-Kumitat Amministattiv Paceville jimxu mal-parir legali u qabel jinħariġlu l-permess, is-Sur Camilleri jiġi nnotifikat li l-Kunsill għandu bżonn prokura mingħand Ms. Susan Saliba fejn tagħti l-kunsens lis-Sur Alexander Camilleri li jista' japplika għan-nom tagħha.

c) La darba Ms. Susan Saliba tagħmillu l-prokura, jinħariġlu l-permess għall-20 t' April 2014 u s-27 t'April 2014 skont il-Leġislattura Sussidjarja 441.04 dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u tas-Sanita' u li l-post jitħalla nadif wara l-attivita'.

4.04 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville rrakomanda li l-Kunsill jimxi fuq l-istess deċiżjoni.

**5 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ġie deċiż unanimament li l-Reġjun Ċentrali, l-Uffiċjal Awtorizzat kif ukoll il-Pulizija jiġu nfurmati li hemm bżonn aktar infurzar tal-ligi minħabba li fi Triq Spinola, in-naħa tat-taraġ li jagħti għat-Triq San Ġużepp, u Triq Ross in-naħa tar-roundabout ta' Portomaso qed jkun hemm ħafna *double parking* kuljum.

5.02 Is-Sindku ġie skużat fl-10.35 a.m.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 286 sa nru. 288 u pproponihom (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014 fl-10.00 a.m.

7.05 Il-laqgħa ntemmet fil-11.00 a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**